MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-10 ta' Novembru, 2016

Kawza numru 17/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 5

**Sullivan & Sullivan Limited (C379)**
**150, Truq Santa Lucija,**
**Valletta**

**Vs**

**Christabelle Ambinette (K.I. 324392M)**
**Blokk D, Flat 3, Qasam tat-Tmiem**
**Zejtun**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-13 ta' Jannar, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' talbet il-hlas minghand il-konvenuta fl-ammont ta' elf erba' mija u tmienja u disghin ewro (€1,498) rapprezentanti titjiriet tal-ajru, akkomodazzjoni u spejjez ancillari in konnessjoni mat-tour tal-karnival gewwa Tunis.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, il- konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-

terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal u ghalhekk dan it-Tribunal ddikjara li l-konvenuta hija kontumacja.

Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju, 2016 a fol 12 li permezz tieghu l-Avukat tas-Socjeta' attrici Dr Abigail Bugeja ddikjarat li fil-mori l-konvenuta hallset is-somma ta' mitejn ewro (€200) akkont .

Ra l-affidavit ta' David Sullivan in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici prezentat fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2016 li permezz tieghu xehed li l-bilanc dovut huwa ta' elf mitejn u tmienja u disghin ewro (€1,298).

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-Soċjeta′ attriċi l-bilanc dovut ta' elf, mitejn u tmienja u disghin ewro (€1,298) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 3200/15, huma a kariku tall- konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**